MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2009

Appell Civili Numru. 423/2007/1

**Martin Chetcuti**

**vs**

**Hafida Mimi**

**Il-Qorti,**

Fis-7 ta' Lulju, 2008, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal,
>
> Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' elf, tmien mija u erbgha u tlettin ewro u hamsa u erbghin ewro centezmi (€1834.45) gja` Lm787.53, rapprezentanti bilanc ta' zewg kontijiet DRV-50 bid-data tas-27 ta' Dicembru,, 2005 u 17 ta' Jannar, 2006 u dana

ghal ‘*spare part* ‘ u xoghol ezegwit fuq il-vettura tal-konvenuta (Reg. numru EAF 429).

Illi ghalkemm interpellata wkoll b’ittra legali baqghet ma hallsitx.

Bl-imghax u bl-ispejjez.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u l-anqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentata minn Lino Grech fit-23 ta’ Gunju, 2008 u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi kif mitluba.**”**

L-aggravju principali tal-konvenuta bl-appell taghha minn din is-sentenza hu dak li n-notifika lilha ta’ l-att ta’ l-Avviz ma saretx fl-osservanza tal-procedura ritwali dettat mill-Artikolu 187 (3) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili. Sussidjarjament ghal dan l-aggravju l-istess konvenuta ssollevat b’difiza illi l-azzjoni kienet preskritta a tenur ta’ l-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili;

Huwa kjarament evidenti illi bl-aggravju principali taghha l-appellanti qeghda ggib ‘il quddiem il-vizzju tan-notifikazzjoni. Hi tikkontendi illi la l-ligi ta’ procedura hi ta’ ordni pubbliku d-disposizzjonijiet relattivi dwar in-notifiki ta’ atti kellhom jigu osservati b’mod rigoruz. U dan hu veru ghaliex kif ritenut minn zmien antik, id-disposizzjonijiet tal-procedura ghandhom jigu “*osservati alla lettera e non per equipollens*” (**Kollez. Vol. XVII P I p 879**). Fil-kaz tan-notifika ta’ atti promoturi tal-kawza dan il-principju jircievi

aktar qawwa in kwantu skop tal-ligi hu dak li c-citat isir xjenti ta' l-azzjoni;

Huwa opportun qabel ma l-Qorti tghaddi biex tezamina jekk f'din l-istanza n-notifika saretx skond il-vot tal-ligi fl-Artikolu 187 (3) tal-Kodici ritwali, illi tirreproduci din is-silta rakkolta mis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Superjuri tat-13 ta' Lulju, 2001 fl-ismijiet "**Three Barrels Limited -vs- Ivan Schembri *et***":-

> "Dan l-artikolu [187(3)] jimponi <u>tassattivament</u> (sottolinejar ta' din il-Qorti) minimu ta' tlett elementi biex jigi assigurat in-notifika ta' att bil-procedura hekk imsejha "tal-pubblikazzjoni" jew "ta' l-affissjoni".
>
> (a) Il-Qorti tista' tordna li notifika ssir billi titwahhal kopja ta' l-att fil-post, fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwahhlu l-atti ufficjali;
> (b) illi dik l-iskrittura jew att jinhargu fil-qosor fil-Gazzetta;
> (c) illi l-iskrittura jew att jinhargu f'gurnal ta' kuljum, wiehed jew aktar minn wiehed, skond kif il-Qorti tiddeciedi.
>
> Dawn it-tlett modalitajiet kif l-iskrittura jew l-att kellhom jingiebu a konjizzjoni tal-persuna notifikanda kellhom jigu attwati t-tlieta flimkien, u f'dan ir-rigward il-konguntiv "u" ghandu jinghata l-piz shih tieghu. Ma' dawn it-tlett rekwiziti ghan-notifika valida permezz ta' din il-procedura kellu jizdied rekwizit iehor, ukoll mehtieg ad validitatem, "meta jkun possibbli jekk il-post ta' residenza jkun maghruf", illi titwahhad kopja ta' l-iskrittura jew att mal-bieb ta' dik ir-residenza. Jekk ma jigix provat illi jkun sar dak li l-ligi tesigi bhala minimu ghal notifika valida fit-termini tas-subinciz (3) ta' l-artikolu 187, tali notifika kellha titqies li kienet irritwali u bla effett fil-ligi."

Premessa din is-silta, verifika ta' l-inkartament tal-kawza jiprovdi dan il-kwadru:-

(1) B'verbal tat-18 ta' Gunju, 2007 it-Tribunal laqa' t-talba ta' l-attur ghan-notifika wara l-hinijiet legali u fin-nuqqas ghall-pubblikazzjoni u affissjoni. L-istess verbal gie ripetut fl-udjenza tal-25 ta' Settembru, 2007 u konsegwit ukoll b'digriet tat-3 ta' Ottubru, 2007 ghar-rikorsipprezentat mill-attur fl-1 ta' Ottubru, 2007;

(2) Billi skond verbali sussegwenti 26 ta' Novembru, 2007, 10 ta' Dicembru, 2007 u 21 ta' Jannar, 2008 ma sar xejn jew ma deher hadd, il-kawza giet imhollija *sine die* fl-4 ta' Frar, 2008;

(3) B'rikors ta' l-24 ta' Marzu, 2008 l-attur talab li jkun awtorizzat jaghmel in-notifika bl-affissjoni u bil-pubblikazzjoni wara li l-kawza tigi riappuntata. Din it-talba ntlaqghet mit-Tribunal b'digriet ta' l-1 ta' April, 2008 u l-kawza ri-appuntata ghall-20 ta' Mejju, 2008;

(4) Saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta (11 ta' April, 2008) u fil-gurnal "The Times" (20 ta' Mejju, 2008). Incidentalment, fiz-zewg kazijiet ir-riferenza li tinsab fl-estratt ippublikat hi ghad-digriet tat-Tribunal tat-3 ta' Ottubru, 2007 u mhux ukoll dak ta' l-1 ta' April, 2008 li ordna r-ri-appuntament tal-kawza, anke jekk ma jonqosx li jigi notat illi fihom tissemma d-data tad-differiment tal-20 ta' Mejju, 2008;

(5) Jirrizulta illi fis-7 ta' Mejju, 2008 l-attur ipprezenta rikors iehor biex t-Tribunal jawtorizzah li n-notifika ssir biss fil-Kunsill Lokali, u l-Ghassa tal-Pulizija tal-Lokal fejn toqghod il-konvenuta. Din ir-rikjesta giet milqugha mit-Tribunal fl-20 ta' Mejju, 2008;

Minn dan il-kwadru tal-kronologija tal-procediment quddiem it-Tribunal jirrizulta illi ghal dik li hi l-pubblikazzjoni l-estratt ta' l-Avviz promotur fil-Gazzetta u f'gurnal lokali ssodisfa t-tieni rekwizit skond kif fil-precitata

sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Superjuri konfigurat. Hekk ukoll l-affissjoni tal-kopja ta’ l-att fl-Ghassa tal-Pulizija u fil-Kunsill Lokali ssodisfa l-ewwel rekwizit. B’danakollu kopja ta’ l-istess att ma twahhletx mar-residenza maghrufa tal-konvenuta, anke ghaliex skond ir-riferta tal-purtier tal-21 ta’ April, 2008 dan ma sabx l-indirizz indikat Numru 23 Alley 2 Triq Ebona, Haz-Zebbug. Huwa presumibbli li r-rikors l-ahhar indikat fl-esposizzjoni (7 ta’ Mejju, 2008) sar proprju biex jovvja ghal dik il-qaghda. Jekk dan kien l-intendiment hi l-fehma ponderata ta’ din il-Qorti illi dak ir-rikors b’dik it-talba u l-akkoljiment tieghu ma kellux iservi bhala xi sanatorja ta’ dik ir-riferta negattiva u dan ukoll b’mod retrospettiv. L-anqas li kien mistenni kien li n-notifika ssir *ex novo*, anke jekk billi tithalla kopja fl-Ghassa u fil-Kunsill Lokali biss. Jekk xejn biex, in vista tar-ri-appuntament tal-kawza, tkun maghrufa d-data tas-seduta li kien imiss sussegwentement ghall-akkoljiment tat-talba ta’ l-istess ri-appuntament. Dan qed jigi rilevat in kwantu hu evidenti mill-wicc tad-dokument a fol. 14 illi meta twahhlu l-kopji fil-21 ta’ April, 2008 d-differiment tal-kawza kienet indikata bhala dik tas-26 ta’ Novembru 2007, u mhux ukoll dik tal-20 ta’ Mejju, 2008. Intant, meta t-Tribunal laqa’ dak ir-rikors tas-7 ta’ Mejju, 2008 bid-digriet tieghu tal-20 ta’ Mejju, 2008 ma jirrizulta li saret ebda notifika, jew tentattiv ta’ notifika, bil-hlas taz-zieda mehtiega, fis-sens u ghall-iskop ikkonsidrat;

Bir-rispett dovut u fid-dawl tal-premess din il-Qorti ma taqbelx mal-veduta tat-Tribunal redatta fit-23 ta’ Gunju, 2008 (fol. 27) illi l-konvenuta kienet “debitament notifikata”. Lanqas ma hi lesta li tikkondona qaghda fejn jitqies li kien hemm ottemperanza mad-dispost ta’ l-Artikolu 187(3) ghall-fatt li fi stadju inoltrat tal-kawza l-attur talab, u ottjena, l-awtorizzazzjoni biex il-kopja ta’ l-att titwahhal biss fl-Ghassa u fil-Kunsill Lokali. Pretensjoni din li, imbaghad, la giet segwita u lanqas ezegwita;

Veru li jista’ jigi objettat illi din il-konsiderazzjoni tista’ tkun stringenti zzejjed izda, skond il-fehma ta’ din il-Qorti, la l-imsemmija disposizzjoni kodicistika tiddixxiplina l-modalita

tan-notifika bl-affissjoni ghall-ahjar tutela ta' l-interessi tad-destinatarju ta' l-att, dik in-notifika kellha tkun sottoposta ghall-kawteli kollha mil-ligi prevvisti, u b'mod prevalentement konformi ghall-ipotesijiet dettaljati fil-provvediment okkorrenti;

Il-Qorti hi tal-fehma li meta tirrizultalha qaghda bhal dik hawn determinata ta' nuqqas regolari ta' notifikazzjoni ta' l-att promotur, ghandha topta biex ma tapplikax id-dispost tas-subinciz (4) ta' l-Artikolu 8 ta' l-Att V ta' l-1995 u b'hekk takkorda lill-partijiet il-beneficcju tad-*doppio esame*. Jekk xejn, biex tevita li tigi krejata inikwita processwali ma' l-istess partijiet. Ghal din ir-raguni ser tghaddi biex taghti l-infraskritt provvediment.

Ghal motivi dedotti din il-Qorti qed tilqa' l-appell billi ssib li kien hemm f'dan il-kaz vizzju ta' notifikazzjoni ta' l-att ta' l-Avviz fit-termini ta' l-Artikolu 187 (3) tal-Kapitolu 12 u b'hekk thassar is-sentenza appellata. L-atti qed jigu rinvijati lura lit-Tribunal biex dan jipprocedi bis-smiegh tal-kawza wara li l-att imsemmi ikun gie sewwa u ritwalment notifikat lill-konvenuta appellanti. L-ispejjez ta' dan l-incident jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------